Nru./No. 21,380
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 2025
Wednesday, 22nd January, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 645
Government Notices *645*

Avviżi tal-Pulizija ..... 645 - 646
Police Notices ..... *645 - 646*

Avviżi tal-Qorti ..... 646 - 648
Court Notices ..... *646 - 648*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 116

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 122 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

It-22 ta' Jannar 2025

Nru. 117

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Peter Fleri Soler bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Michaela Fleri Soler u dan għall-perjodu bejn l-10 ta' Frar, 2025 u l-1 ta' Marzu, 2025.

Illum it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2025

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 12

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Raħal Ġdid

Nhar is-Sibt, 25 ta' Jannar, 2025, mill-11.00 a.m. sal-5.00 p.m., mill-grawnd Toni Bezzina u d-dawra kollha tiegħu mill-gabbana bl-isem ta' 'Miżien' u d-dawra tal-fabbriki kollha.

GOVERNMENT NOTICES

No. 116

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 122 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2025.

22nd January, 2025

No. 117

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Peter Fleri Soler to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Michaela Fleri Soler for the period between the 10th February, 2025 and the 1st March, 2025.

Today Monday, 20th January, 2025

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

POLICE NOTICE

No. 12

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

On Saturday, 25th January, 2025, from 11.00 a.m. to 5.00 p.m., through Toni Bezzina stadium and all of its surroundings from the kiosk named 'Miżien' and all of the factories' surroundings.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Jannar, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 13

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Jannar, 2025, mit-8.15 a.m. sal-9.45 a.m., minn Triq il-Kbira, Triq Rigu, Triq l-Isqof Labini, Triq John Borg u Triq Brared.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Il-Gudja

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Frar, 2025, mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m., purċissjoni minn Triq Santa Marija, Triq il-Kappillan, Triq San Mark, Triq iż-Żebbuġa, u l-knisja parrokkjali.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Frar, 2025, mill-4.45 p.m. sas-6.30 p.m., purċissjoni mill-knisja ta' Ġesù Nazzarenu, Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika u Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill (quddiem il-knisja parrokkjali).

It-trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Jannar, 2025

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

22nd January, 2025

POLICE NOTICE

No. 13

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Sunday, 26th January, 2025, from 8.15 a.m. to 9.45 a.m., through Triq il-Kbira, Triq Rigu, Triq l-Isqof Labini, Triq John Borg and Triq Brared.

Road closures will take place as required and no diversion of public transport is required.

Gudja

On Saturday, 1st February, 2025, from 5.30 p.m. to 7.00 p.m., a procession through Triq Santa Marija, Triq il-Kappillan, Triq San Mark, Triq iż-Żebbuġa, and the parish church.

Public transport will be affected till the passing by of the procession.

Żejtun

On Sunday, 2nd February, 2025, from 4.45 p.m. to 6.30 p.m., a procession through Ġesù Nazzarenu church, Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika, and Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill (in front of the parish church).

Public transport will be affected till the passing by of the procession.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

22nd January, 2025

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

178

Avviż ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru: 4/2025

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Josephine Sultana – karta tal-identità numru 50258G;

Paul Gauci Portelli, karta tal-identità numru 2844G;

Francis Gauci, karta tal-identità numru 31362G f'ismu u f'isem oħtu msiefra Mary Calleja karta tal-identità numru 8450G; kif ukoll, għal kull interess li jista' jkollha

Maria Aquilina Caruana née Caruana, karta tal-identità numru 187G

vs

Angelo Gauci

Rikors ta' Josephine Sultana et

Jesponu bir-rispett u l-imsemmija Josephine Sultana tikkonferma bil-ġurament filwaqt illi tiddikjara illi hija taf il-fatti esposti personalment:

1. Illi dan ir-rikors odjern jirrigwarda d-dar numru tnax (12) fi Triq l-Imġarr, b'bieb ieħor ta' mandra bla numru fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex – bil-benefikati kollha ta' fuqha – kif murija aħjar fuq il-pjanta hawn annessa;

2. Din il-proprjetà kienet oriġinarjament tappartjeni lil missier il-kontendenti, Giuseppe Gauci, li miet fil-ħdax (11) ta' April, 2006 (elfejn u sitta) u rregola s-suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-tnejn (2) ta' Marzu elf disa' mija erbgħa u tmenin (1984) permezz ta' liema ħalla lil martu Loreta Gauci bħala użufruttwarja ġenerali tal-beni tiegħu kollha u innomina lis-sitt ulied, u ċjoe l-ħames kontendenti u ħuhom ieħor Anthony Gauci bħala eredi universali tiegħu. Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis relattiva għas-suċċessjoni tiegħu ġiet ippubblikata min-Nutar Paul George Pisani fit-tmintax (18) ta' Settembru elfejn u sitta (2006);

3. Sussegwentement, wara li mietet Loreta Gauci, miet ukoll Anthony Gauci, ġuvni, improle u intestat, fl-għaxra (10) ta' Jannar elfejn u tnejn u għoxrin (2022). Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis ġiet ippubblikata min-Nutar Anna Maria Mizzi fl-ewwel (1) ta' Settembru, 2022, minn fejn

Superior Jurisdiction, General Section

Application number: 4/2025

Application in terms of Article 495A of the Civil Code

Josephine Sultana – identity card number 50258G;

Paul Gauci Portelli, identity card number 2844G;

Francis Gauci, identity card number 31362G in his own name and on behalf of his living abroad sister Mary Calleja, identity card number 8450G; and, for any interest she may have

Maria Aquilina Caruana née Caruana, identity card number 187G

vs

Angelo Gauci

Application by Josephine Sultana et

Respectfully submit and the said Josephine Sultana confirms under oath whilst declaring that she knows the facts personally exposed:

1. That this present application relates to the house number twelve (12) in Triq L-Imġarr, with another door of an unnumbered backyard in Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Gozo – with all the ameliorations thereon – as better shown on the plan hereby attached;

2. This property originally belonged to the father of the parties, Giuseppe Gauci, who died on the 11th April, 2006, (two thousand and six) and regulated his succession by virtue of a will in the records of Notary Michael Refalo of the 2nd March 1984 by which he left his wife Loreta Gauci as general usufructuary of all his property and nominated the six children, that is the five contenders and their brother Anthony Gauci as his universal heirs. The declaration of transfer causa mortis relative to his succession was published by Notary Paul George Pisani on the eighteenth (18) September two thousand and six (2006);

3. Subsequently, after the death of Loreta Gauci, Anthony Gauci, bachelor, improle and intestate, also died on the tenth (10) of January two thousand and twenty-two (2022). The declaration of transfer causa mortis was published by Notary Anna Maria Mizzi on the 1st September, 2022, from where

jirriżulta wkoll li s-suċċessjoni tiegħu ddevolviet skont il-liġi fuq il-ħames ħutu sopravissuti, il-kontendenti aħwa Gauci (u għalhekk esklużа Maria Aquilina Caruana);

4. Illi għalhekk din id-dar illum tappartjeni kwantu għal kwinta parti (1/5) kull wieħed u waħda lill-kontendenti aħwa Gauci;

5. Illi r-rikorrenti kollha minbarra Maria Aquilina Caruana daħlu f'konvenju mar-rikorrenti l-oħra Maria Aquilina Caruana sabiex ibigħu sehemhom minn din id-dar lil dik ir-rikorrenti bil-prezz ta' sitt mija u erbgħin elf ewro (€640,000) għall-intier;

6. L-esponenti jemmnu li dan il-prezz huwa wieħed ġust u jirrifletti korrettament il-valur fis-suq ta' din l-istess proprjetà, u li, anke meħud inkonsiderazzjoni l-kwoti spettanti minn din il-proprjetà lill-intimat, dan ma huwiex sejjer ibati xi preġudizzju gravi jekk dan il-prezz u l-kundizzjonijiet pattwiti fil-konvenju fuq imsemmi għandhom japplikaw anke għal sehmu.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha prevja l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvem u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16;

1. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ mir-rikorrenti tal-kwota spettanti lilhom mill-fond hawn fuq deskritt huma ġusti u xierqa u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tar-rimanenti sehem mill-imsemmi immobbli spettanti lill-intimat, prevja, okkorrendo, li l-fond jiġi stmat minn perit u arkitett inġinier ċivili;

2. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak illi jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimat, f'jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati ad opera tan-Nutar Roberta Buttigieg Simiana jew nutar ieħor minflokha pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' bejgħ opportun, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att.

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar il-Erbgħa, 5 ta' Marzu, 2025, fit-8.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 20 ta' Jannar, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

it results also that his succession proceeded according to law on his five surviving brothers ans sisters, the parties siblings Gauci (and thus excluding Maria Aquilina Caruana);

4. That thus this house today belongs as for one fifth (1/5) each to the parties siblings Gauci;

5. That all the applicants except Maria Aquilina Caruana entered into a preliminary agreement with the other applicant Maria Aquilina Caruana in order to sell their share of this house to that applicant for the price of six hundred and forty thousand euro (€640,000) for the whole;

6. The applicants believe that this price is just and correctly reflects the market value of this same property, and that, even taking into consideration the shares due by this property to the respondent, he will not suffer any grievous prejudice if this price and the conditions agreed in the preliminary agreement above mentioned are to apply even to his share.

Thus, the applicants respectfully requests that this Honorable Court saving the publication of this application in the Government Gazette and in another local newspaper in terms of Article 495A of Cap. 16;

1. Declares that the price as well as the conditions proposed for the sale by the applicants of the share due to them from the premises above described are just and appropriate and that the same price and conditions shall apply for the sale of the remaining share of the said immovable property due to the respondent, saving, if necessary, that the premises be valued by an architect and civil enginéer architect;

2. Orders the publication of the deed of sale even as regards the share due to the respondent, on a day, time, and place to be fixed ad opera of Notary Roberta Buttigieg Simiana or another Public Notary instead of her to publish the opportune deed of sale, with the intervention of deputy curators to represent the eventual defaulters on that deed.

The application is appointed for hearing for Wednesday, 5th of March, 2025, at 8.00 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 20th of January, 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*